L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 17 ta' Settembru 2004

# Uff… Xi tgergir

Sinjura A: Uff! It-triq ta' bejn il-Mosta u r-Rabat ilha maghluqa 'l fuq minn erba' xhur! Dakinhar ghal naqra ma kontx se nahbat daqs kemm hi dejqa dik it-triq li qeghdin nghaddu minnha!

Sinjur B: Uff! Mela ma tafx li anke t-triq mill-Imgarr ghal Bugibba maghluqa!?

Sinjur C: Uff! Mela kieku ghollielkom l-insurance bhali ghal naqra ta' mutur b'zewg Roti?

Sinjur D: Uff! Mela kieku spiccajtu bla xoghol bhali?

Sinjura E: U x'uff! Uff! Int tgerger ghax bla xoghol? Anzi inti m'ghandekx xi tlett itfal bhali u telqek ir-ragel… ma nafx fejn se naqbad naghti rasi.

Sinura F: Dawn l-irgiel ukoll! Dejjem igergru! Uff imma jien... Ghawdxija... jien ma tantx inkissirha karozza ghax m'ghandix.... u jien anke l-vapur ghollieli

Sinjur G: Uff! Billi jkollok karozza f'dan il-pajjiz .. trid thallas qares taghha... ilni li hallast ir-road contribution ghat-triq taghna qabel ma twieled iz-zghir.. Lahaqni u dalwaqt jizzewwigli u t-triq ghadha maqlugha.

Sinjura G: U mela! Uff! Int ghax ghandek it-triq maqlugha qieghda tgerger? Ahjar, halli ma jigux karozzi hdejkom! Mela ahna! Trakkijiet gejjin kuljum jarmulna z-zibel wara darna u ma nistghux nifthu tieqa ghax immutu bl-intiena!

Sinjura H: Uff! Le ma tgergrux intom in-nisa! Ejja sad-dar tieghi meta jigi l-kont tad-dawl! Alla jbierek, kulhadd hela d-dawl u halla l-bozoz mixghulin warajh barra hi! U kulhadd uzah l-airconditioner barra hi!

Sinjur GH: Eh! Xi trid taghmel? Mhux ahna nkunu qeghdin inseftru kuljum id-dar? Ahna nafu x'jigri? U int id-dawl semmejt? Mela jien... gew jibdlu l-kanen ta' l-ilma quddiemi.... riedu jaghmluli earth tad-dawl... u talbuni Lm16 dak il-hin... Imn'alla kelli lil ommi hdejja ghax kelli nissellifhom minghandha ghax ma kellix fuqi!

Sinjur I: Uff! Kif dejjaqtuni tgergru! Anzi ghandkom l ommkom u l missierkom b'sahhithom. Ejja bzonn l-isptar!

Sinjura I: L-Isptar tal-Qroqq?

Sinjur I: L-Isptar tal-qroqq? X'int tghid? Mela mintix f'dinja jew? Dak ghad baqghalu… Ghaxar snin biex jitlesta…. L-iehor… San Luqa…. Kelli nixtrilu l-faxex jien lil missieri…

Sinjura J: Anzi ma kellekx issuq mill-Mellieha bhal ma gara lilna ghax sehel wegga' bil-

lejl u spiccajna kellna insuquh sa hemmhekk f'nofs ta' lejl ghax m'ghadhomx jifthu l-klinici.

Sinjur K: U ejja! Sakemm ghandkom ghaxja ta' lejla kollox jaghaddi! Mela araw lili! Alla hares jaqbadna xi haga ghax qas biex inhallsu tabib privat ma ghandna. Keccietni l-kumpanija li kien ilni maghha 30 sena. Sibt xoghol ghal ftit zmien ma' lukanda u issa ghalqet ukoll u issa ergajt qieghed barra. Mur arakom!

Sinjura L: M'intomx qeghdin tahsbu li ghax ghandna hanut mimli daqs bajda, ghandna l-flux hux? Ghandna imma.. min ghandu jaghtina!

Sinjur M: Anzi int forsi ghandek dritt tiftahlu kawza lil min ghandu jaghtik! Jien x'nista' naghmel... jien mid-Dipartiment tat-Taxxa tal-Gvern ghandi niehu...

Sinjur N: U mur ara kemm ghandu jaghtik bhalek? Mela jien? Kelli l-unika bicca art franka u hadhieli... tiswa xi Lm60,000 u bqajt nittewweb...

Sinjur O: U iva... mhux kulhadd tieghu jara ... xi tghid ghalija? Jien sa lukanda kelli... Imma ma nistax nistejqer... kieku flus la talabni u lanqas hadli... imma xorta qatilni...

Sinjur P: Anzi ma nizzilkomx sa Ta' Qali b'xi vann kabocci biex imbaghad il-pitkalija lanqas biss taghkom tal-petrol li hlejtu biex wasaltu s'hemm....

Sinjur PM: Uff ... Tgergir.... Tgergir.... jien it-tgergir ma naghtix kasu!